MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru. 1232/2009

**Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud )**

**vs**
**omissis**
**Annise Bejaoui**
**Omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati omissis u l-imputat Annise Bejaoui ta' 20 sena, iben Driss Ben u Grace nee' Xuereb, imwieled il-Pieta' nhar it-23 ta' Lulju 1989 u residenti gewwa 38, Triq Doni, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 387889(M) u l-imputat omissis gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar it-18 ta' Novembru 2009, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl, minn gewwa l-fond bl-isem Café' De Baron li jinsab fi

Triq il-Batterija, il-Belt Valletta, ikkommettew serq ta' makna tas-sigaretti, liema serq huwa aggravat bil-persuna, vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Martin Baron u ghall-kumpanija bl-isem British American Tobacco Ltd u/jew persuna jew persuni ohra;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), u dan ghad-detriment tal-kumpanija bl-isem British American Tobacco Ltd u/jew persuna jew persuni ohra;

Lil omissis wahdu akkuzat ukoll talli:

Nhar il-11 ta' Jannar 2008 ghall-habta ta' l-hamsa ta' filghaxija minn gewwa vettura LCA884 li kienet ipparkjata gewwa Sant Iermu fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom apparat tad-diving u ghodda ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu ewro (€232.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ewro (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Subway Diving Ltd u/jew persuna/i ohra;

Kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Anthony G Vella LL.D fil-21/01/2008, liema perjodu ta' sospensjoni kien rega beda jghodd mill-bidu b'sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Edwina Grima LL.D fl-14 ta' April 2008.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba biex titratta ma’ omissis, Annise Bejaoui u omissis bhala li huma recedivi b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 16 ta’ Awwissu 2010 (esebita a fol. 370 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat Annise Bejaoui taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(1)(a), 264(1), 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(a), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) Fl-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Fl-artikoli 17, 23, 31, 42, 43, 46, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-3 ta’ Marzu 2011, l-imputat Annise Bejaoui ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Annise Bejaoui hekk kif registrata waqt l-udjenza tat-22 ta’ Lulju 2010 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Annise Bejaoui l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex

triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li kif jirrizulta mill-istqarrija minnu rilaxxjata u nserita a fol. 49 sa 50 tal-atti processwali l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet. Il-Qorti izda setghat tikkonstata li mill-fedina penali tal-imputat li tinsab inserita a fol. 13 sa 22 tal-atti processwali jirrizulta li nonostante l-eta’ zghira tieghu, fid-data li kkommetta r-reati li taghhom qed jinstab hati huwa kellu ghoxrin sena, huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f’numru konsiderevoli ta’ okkazzjonijiet u ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu fejn anki tpogga taht Ordni ta’ Probation ghall-perijodu ta’ tlett snin, huwa naqas milli juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet u kompla ghaddej fuq it-triq il-hazina. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi anki jekk din ser tkun aktar vicin il-minimu milli l-massimu imponibbli. In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni tal-hsara volontarja l-Qorti jidrilha li dan ir-reat kien mezz ghall-fini tar-reat ta’ serq u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-16 ta’ Awissu 2010 u senjatament l-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263(1)(a), 264(1), 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(a), 280(2) u 281(b),325(a),49, 50,289, 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lil-imputat Annise Bejaoui hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lil-imputat Annise Bejaoui sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti terz mis-somma ta’ elf tlett mija u seba’ ewro u tmintax-il ewro centenzmi (€1307.18), liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------